- *ħtieġa ta' preżenza tal-attur f'Malta waqt is-smiegħ tal-kawża*
- *ħall unilaterali ta' kuntratt tal-appalt*
- *likwidazzjoni ta' danni futuri*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 17 ta' Novembru, 2020.**

**Rikors Nru. 238/2018GM**

**ESA Asset Management S.R.L.**

**vs**

**Solutions & Infrastructure Services Limited (C38866)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi wara li ppremettiet illi:

1. Permezz ta' ftehim iffirmat nhar il-15 ta' Lulju 2015 is-soċjetajiet partijiet f'din il-kawża daħlu fi ftehim rigwardanti installazzjoni ta' apparat relatat ma' sistemi ta' parkeġġi kif ukoll għall-manutenzjoni tal-istess (Dok A).
2. Il-ftehim kien għall-perjodu ta' ħames snin u kien jirrelata għall-perijodu bejn l-ewwel ta' Marzu 2015 sat-28 ta' Frar 2020.

3. Il-ftehim kien jinkludi l-prezz tal-apparat li l-prezz tiegħu ġie ridott għar-raġuni li oltre l-konsenja u l-installazzjoni ta' dan l-istess apparat il-ftehim kien jinkludi wkoll servizz ta' manutenzjoni għad-durata ta' 5 snin fil-valur ta' €1783.00 fix-xahar.
4. L-apparat u installazzjoni tiegħu ġew eżegwiti mis-soċjeta` attriċi u fil-fatt il-ftehim imsemmi kien qiegħed jiġi onorat mill-partijiet sa Ġunju 2016 meta s-soċjeta` konvenuta mingħajr ebda raġuni valida u mingħajr ebda preavviż waqfet tħallas l-ammont mensili dovut skond il-ftehim.
5. Is-somma mensili suindikata li waqfet titħallas f'Ġunju 2016, is-soċjeta` konvenuta ma ħallsitx numru ta' fatturi oħra relattivi għal-materjal u parts ordnati mis-soċjeta` konvenuta u kkonsenjati lil-istess.
6. Kien biss reċentement permezz ta' ittra datata 30 ta' Novembru 2017 li l-attriċi ġew mgħarrfa bl-intenzjoni tagħhom li jitterminaw il-ftehim surriferit (Dok B).
7. Dawn il-fatturi magħduda flimkien għall-perijodu ta' bejn Lulju 2016 u Novembru 2017 jammontaw għal €35,742.53 u dan skont id-19 il-fattura maħruġa u mibgħuta lis-soċjeta` konvenuta li huma annessi bħala dok C1 sa C19.
8. Il-valur tal-kuntratt minn Diċembru 2017 sa Frar 2020, u ċioe għad-durata kollha tal-ftehim oriġinali jammonta għal €48,141.
9. Minkejja illi l-konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas dak li hu dovut u sabiex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni swofferti minnha (inkluż permezz ta' ittra uffiċjali datata 26 ta' Lulju 2017 – Dok D) hija baqgħet inadempjenti.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuta hija debitriċi tal-attriċi fil-valur ta' €35,742.53 u dana in kwantu l-fatturi maħruġa mil-attriċi bejn Lulju 2016 u Novembru 2017;
2. Tordna illi l-konvenuta tħallas lil-attriċi s-somma ta' €35,742.53;
3. Tiddikjara ulterjorment illi l-konvenuta kisret il-ftehim iffirmat nhar il-15 ta' Lulju 2015 u dan mingħajr ebda raġuni valida.
4. Tiddikjara illi b'konsegwenza ta' tali ksur il-attriċi sofriet id-danni inkluż u mhux limitat għat-telf fl-ammont ta' €48,141.00
5. Tillikwida d-danni kollha sofferti mil-attriċi u dana anke jekk tinħass il-ħtieġa permezz ta' ħatra ta' perit jew periti nominandi;
6. Tordna lill-intimat iħallas lil-attriċi is-somma llikwidata ai fini tat-tielet, raba' u l-ħames talba.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Lulju 2017 u l-imgħax skont il-liġi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha s-soċjeta` konvenuta eċċepiet illi:-

Difiża

1. In-nullita` ta' dawn il-proċeduri stante illi soċjeta` estera, bħall-attriċi, trid tkun rappreżentata minn xi persuna residenti f'Malta jew altrimenti minn kuraturi li jinħatru biex jirrapreżentawha.
2. L-ammont ta' €35,742.63 mitlub skond il-fatturi annessi mhux dovut lis-soċjeta` rikorrenti għall-żewġ raġunijiet; fl-ewwel lok il-fatturi datati Lulju 2016 sa April 2017 ma tħallsux mis-soċjeta` konvenuta stante illi s-servizz min-naħa tas-soċjeta` attriċi ma kienx qed jiġi reż skond il-kuntratt. Fit-tieni lok, l-ammont reklamat skond il-fatturi datati Mejju 2017 sa Novembru 2017 mhux dovut stante illi s-soċjeta` konvenuta tterminat il-kuntratt fid-9 ta' Mejju 2017 permezz ta' ittra esebita a fol 24 tal-proċess.
3. Is-soċjeta` konvenuta l-anqas ma hi responsabbli għal danni allegatament sofferti mis-soċjeta` attriċi għaliex il-kuntratt ġie terminat għal raġunijiet validi, kif spjegat aħjar fl-ittra a fol 24. Fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju, is-soċjeta` attriċi jeħtieġ li tipprova d-danni mġarrba u li ppruvat timminimizzahom.

Il-fatti

4. Is-soċjeta` konvenuta taqbel mal-fatti kif esposti fl-ewwel u fit-tieni pargrafu tar-rikors ġuramentat.
5. Fir-rigward tat-tielet paragrafu, is-soċjeta` konvenuta tgħid illi l-prezz tal-apparat li allegatament ġie ridott skond is-soċjeta` rikorrenti, jirriferi biss għal apparat li kellu jiġi pprovdut mis-soċjeta` rikorrenti bħala replamcenet għal apparat difettuż, liema provvista tal-apparat kienet parti mis-servizzi li kellhom jiġu reżi mis-soċjeta` rikorrenti skond il-kuntratt.
6. Is-soċjeta` konvenuta tikkontesta l-fatti fir-raba paragrafu tar-rikors ġuramentat għaliex is-soċjeta` rikorrenti kienet ilha sa mis-sena 2016 ma tonora l-kuntratt billi taqdi l-obbligi tagħha skond l-istess kuntratt u kien proprju għal din ir-raġuni li s-soċjeta` konvenuta waqfet tħallas il-fatturi wara Ġunju 2016.

7. Fir-rigward tal-ħames paragrafu, jingħad illi dawn l-ammonti ma tħallsux għall-istess raġunijiet fuq imsemmija.
8. Is-soċjeta` konvenuta tikkontesta l-fatti kollha f'paragrafu sittra tar-rikors ġuramentat stante illi l-istess soċjeta` ikkomunikat l-intenzjoni tagħha li tittermina l-kuntratt permezz tal-ittra tad-9 ta' Mejju 2017 u mhux fit-30 ta' Novembru 2017 kif qed tallega s-soċjeta` rikorrenti. Di piu, is-soċjeta` konvenuta għamlet ukoll riferenza għall-ittra tad-9 ta' Mejju 2017 fil-komunikazzjonijiet sussegwenti bejn iż-żewġ soċjetajiet, fosthom fir-risposta għall-ittra uffiċjali datata 3 ta' Novembru 2017 (a fol 22), fl-ittra datata 30 ta' Novembru 2017 ( a fol 21) kif ukoll fl-ittri datati 11 ta' Jannar 2018 u 8 ta' Frar 2018 (annessi u mmarkati Dok SIS1 u Dok SIS2) mibgħuta lis-soċjeta` rikorrenti wara li din tibgħat invoices kull xahar lis-soċjeta` rikorrenti wara li din baqgħet tibgħat invoices kull xahar lis-soċjeta` konvenuta anke semmai wara Novembru 2017.
9. Is-soċjeta` konvenuta tikkontesta wkoll il-fatti u l-figuri fis-seba' paragrafu stante ili kif ingħad, il-fatturi datati Lulju 2016 sa April 2017 ma tħallsux mis-soċjeta` konvenuta stante illi ma kinitx qed tirċievi s-servizzi li suppost kellhom jiġu reżi mis-soċjeta` rikorrenti skond il-kuntratt. Barra minn hekk, il-kuntratt ġie tterminat validament mis-soċjeta` konvenuta fid-9 ta' Mejju 2017 u konsegwentement, il-fatturi bejn Mejju 2017 sa Novembru 2017 mhumiex dovuti.
10. Il-fatti tat-tmien paragrafu tar-rikors ġuramentat huma wkoll kontestati stante illi kif intqal, is-soċjeta` konvenuta mhix responsabbli għad-danni għad-durata tal-bqija tal-kuntratt peress illi ġie tterminat validament.
11. Is-soċjeta` konvenuta ma taqbilx mal-fatti fid-9 paragrafu tar-rikors ġuramentat għaliex kif ingħad, is-soċjeta` konvenuta mhix responsabbli għall-ebda ammont ta' danni reklamat mis-soċjeta` rikorrenti.

<u>Konklużjoni</u>

12. Għaldaqstant, u in vista tar-raġunijiet suesposti, is-soċjeta` esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

***Ħtieġa o meno tal-preżenza fiżika.***

Il-konvenuta teċċepixxi b'mod preliminari n-nullita` ta' dawn il-proċeduri billi l-attriċi bħala soċjeta` estera trid tkun rappreżentata minn xi persuna residenti f'Malta jew minn kuraturi li jinħatru biex jirrappreżentawha. Il-konvenuta taċċetta li r-rikors ġuramentat ġie validament ippreżentat u maħluf minn Massimo Turri, detentur ta' passaport Taljan, rappreżentant ġuridiku tal-attriċi. B'danakollu, ssostni li għall-validita` tal-proċeduri, dan mhuwiex biżżejjed, għaliex jinħtieġ ukoll li soċjeta` barranija ikollha rappreżentant fiżikament preżenti f'Malta matul il-proċeduri kollha. Tiċċita ġurisprudenza li ssostni din il-qagħda.

Is-soċjeta` attriċi[1] wieġbet, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, illi minn meta Malta saret membru tal-Unjoni Ewropeja, ir-rekwiżit imsemmi mill-konvenuta ma baqax iktar meħtieġ bejniet persuni fl-istati membri; u għalhekk lanqas għaliha bħala soċjeta` kummerċjali rreġistrata fl-Italja. Tiċċita f'dan is-sens lil **Meditterranea Distribuzione Srl v. Dr. Richard Galea Debono**.[2] Jidher li impliċitament, l-attriċi taċċetta l-qagħdha tal-konvenuta li b'mod ġenerali, min ikun parti f'kawża jrid ikun fiżikament preżenti f'Malta waqt is-smiegħ tagħha u li iżda din ir-regola ġiet mibdula permezz tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja għar-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri.

Il-ġurisprudenza tagħna mhix konformi dwar il-pożizzjoni legali f'dan ir-rigward. Qabel ma l-Qorti tippronunzja l-fehma tagħha, ikun opportun li tagħmel rassenja ta' din il-ġurisprudenza, almenu kif tirriżultalha mir-riċerka li rnexxielha tagħmel fil-ħin limitat disponibbli għaliha:

[1] Nota ta' sottomissjonijiet a fol 390
[2] Deċiża fis-16.07.2012, Prim'Awla (Onor. Imħ. J Zammit McKeon)

**Miller Blacker v. Howard Mills Mattei.**[3] Il-prokuratur legali tal-atturi appella minn digriet tal-ewwel Qorti li ordnat li jinżammu s-seduti kull ġimgħa quddiem il-perit ġudizzjarju minkejja li l-atturi kienu msifrin. L-appellati eċċepew in-nullita` tal-appell għaliex sar waqt li l-atturi kienu assenti minn Malta.

Il-Qorti tal-Appell ċaħdet din l-eċċezzjoni wara li kkunsidrat li:

- l-eċċezzjoni tan-nullita` hi ammessa jekk in-nullita` tkun iddikjarata espressament mil-liġi (Art. 799(1) Proċ Ċiv).

- huwa minnu li hemm għadd ta' disposizzjonijiet fil-Kodiċi tal-Proċedura li minnhom wieħed jista' jiddeduċi li fl-ispirtu tal-liġi min ikun parti f'kawża jrid ikun preżenti f'dawn il-Gżejjer tul il-kors kollu tal-ġudizzju, u li jekk jassenti ruħu jrid ikun rappreżentat minn prokuratur, bħalma huma per eżempju id-disposizzjonijiet li jordnaw li n-notifika ta' ċerti atti ssir lill-parti nnifisha, jew li jindikaw il-persuni li jistgħu jippreżentaw l-iskritturi, jew li jitrattaw id-dehra jew in-nuqqas ta' dehra tal-partijiet waqt is-smiegħ tal-kawża.[4]

- mill-ispirtu ta' dawn id-dispożizzjonijiet jiskatta biss id-dritt tal-parti avversarja, fil-każ li l-parti l-oħra tkun siefret mingħajr ma jkun assuma l-atti prokuratur tagħha, li titlob lill-Qorti provvediment biex il-parti assenti tqabbad prokuratur inkella tkun rappreżentata minn kuratur bil-modi stabbiliti mil-liġi u għall-finijiet tal-istess waqt l-assenza; imma assenza bħal din ma tirrendix null il-petizzjoni jew ir-rikors tal-appell ippreżentat mill-prokuratur legali tal-assenti.[5] L-inkariku tal-appellant lill-prokuratur legali li jippreżenta f'ismu l-atti kollha meħtieġa biex imexxi l-kawża fit-tieni istanza ma jistax jitqies revokat jew sospiż bit-tluq tal-appellant minn dawn il-gżejjer. Dan hu sostnut mill-Art. 1635 tal-Ord.VII.1868 li titratta l-estenzjoni tal-mandat professjonali.

---

[3] Emilia Miller Blacker v. Maria Costantina Howard Mills Mattei 16.12.1921 Corte di Appello ( S.T.O. M.A. Refalo President, Onor. G Agius, Onor. L. Camilleri) XXIV.i.949

[4] il-Qorti għamlet riferenza għall-artikli 171, 201, 207 inciso primo, 208, 214, 221, 225 u 234 – illum Art. 152, 174, 180, 182, 187, 195, 199 u 209 tal-Kap 12

[5] il-Qorti ċċitat sentenza tagħha stess fl-ismijiet Zammit v. Caruana, digriet tat-08.02.1904

**Perit Delia v. Assistant Segretarju Prinċipali.**[6]

L-attur kien Malti. Kien ġej u sejjer mis-safar u fid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni ma kienx f'Malta. Il-Qorti irreferiet għall-prassi li min ma jkunx preżenti f'Malta meta jiftaħ kawża jaħtar prokuratur jew kuratur. "Din il-prassi għandha l-aspetti prattiċi u ekwi tagħha, b'mod speċjali sabiex ikun hawn xi ħadd f'dawn il-gżejjer biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż sopportabbli mill-attur (jekk ikun il-każ) u sabiex il-konvenut ikun jista' jikkomunika l-eċċezzjonijiet tiegħu lill-persuna li taġixxi kontrih." Ikkwotat dak li llum huwa Artiklu 180(1)(a) li "jgħid li fost l-oħrajn dawn jistgħu jiġu ppreżentati *mill-istess parti li tidher… bħala prokuratur ta' persuni li jinstabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġi ppreżentata."* Għalhekk iddikjarat li ċ-ċitazzjoni kienet nulla.

**Commonwealth Educational Society Ltd. v. Adriana Camilleri.**[7]

Is-soċjeta` attriċi ma kinitx inkorporata lokalment u bħala soċjeta` estera ma kellhiex min jirrapreżentaha fil-mument fokali tal-preżentata tal-Avviż quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (sede ċivili).

Il-Qorti ċċitat lil **Miller Blacker v. Howard Mills Mattei** u kkonkludiet li "Huwa desumibbli minn dan dedott illi min jippreżenta att gudizzjarju jrid ikun preżenti fil-gurisdizzjoni Maltija fil-mument tal-preżentazzjoni ta' l-att u jekk ma jkunx, allura l-att għandu jigi preżentat permezz ta' mandatarju jew prokuratur. Jekk dan ma jsirx dak l-att jigi ritenut null. Il-Qrati tagħna kienu jakkordaw biss ċerta liberalita` ta' gudizzju fejn wara l-ħntata valida ta' l-att promotur, dak li jkun jassentixxi ruħu temporanjament fil-kors tal-proceduri u fl-intervall jigu ntavolati

[6] Perit Arkitett Edwin Delia v. Assistent Segretarju Prinċipali tal-Ministeru tat-Turiżmu 05.11.1984 Prim'Awla (Onor. Carmelo Scicluna) LXVII.iii.137
[7] 02.06.2003 Qorti tal-Appell (Inferjuri) (Onor. Philip Sciberras)

atti ohra f'ismu. F'kazijiet analogi, kif bosta drabi ritenut, il-mandat ta' l-avukat jew prokuratur legali ma jispiċċax u lanqas jiġi sospiż bis-safar tal-mandanti. U allura dawn, in forza tal-Art. 180, jistgħu jippreżentaw skritturi għall-mandanti tagħhom."[8]

**Castelli v Focal Maritime Services Ltd.** [9]

Avukat talbet li jiġi revokat digriet tas-7 ta' Ottubru 2005, li bih inħatret mandatarja speċjali tas-soċjetajiet esteri Commercial Italian American Organisation (CIAO) u Trident s.r.l., u l-istess soċjetajiet esteri[10] jibqgħu fil-kawża f'isimhom biss. Issottomettiet li dan seta' jsir fid-dawl ta' diversi Regolamenti tal-Unjoni Ewropea li jikkontemplaw ftuħ ta' kawżi u eżekuzzjoni ta' sentenzi min jew kontra persuni residenti f'pajjiżi differenti, membri tal-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti rrimarkat li

> "Hu veru li d-diversi Regolamenti jippermettu li partijiet mhux domiċiljati Malta jistgħu jressqu kawżi f'Qorti estera jew anke quddiem il-Qrati Maltin kontra persuni residenti Malta, u vice versa, u l-atti ta' kawża miftuħa f'pajjiż jistgħu u għandhom jiġu servuti fuq il-persuna nfisha hekk residenti f'pajjiż ieħor, iżda l- metodoloġija kif dan isir tiġi regolata mill-pajjiż fejn tinfetaħ jew tiġi enforzata kawża. Issa fil-kuntest Malti l-liġi trid li kawża tinfetaħ b'rikors li jrid jiġi maħluf mill-attur jew wieħed mill- atturi. Il-liġi trid ukoll li min jiftaħ jew jiddefendi kawża jrid ikun preżenti f'Malta, tal-anqas waqt is-smigħ tal-każ, u f'każ ta' persuna assenti jkollhom jinħatru kuraturi kif jiddisponi l-Artikolu 929 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> "L-Artikolu 930 jgħid ukoll li l-ħatra ta' kuraturi tista' ssir fis- smigħ tal-kawża meta din il-ħatra ssir meħtieġa wara li tkun bdiet il-kawża; il-ħatra ta' kuraturi ssir "fl-interess ta' nies assenti" fost ċirkostanzi oħra.
>
> "F'każ ta' soċjeta', avolja din tista' taġixxi u tiġi ċitata f'kawża f'isimha

[8] il-Qorti ċċitat lil Neg. Antonio G. Agius –vs- Samuel Lebet Hazan, Appell Civili, 28 ta' Novembru 1883, Tabib Dr. Joseph Ellul –vs- Jos. G. Coleiro, Appell Civili, 24 ta' Jannar 1964, Avukat Dr. Francis Portanier –vs- Dr. Frank Chetcuti et noe, Appell Civili, 13 ta' Novembru 1967 u Adrian Richard Margot –vs- Alfred Galea et, Appell Civili, 31 ta' Lulju 1979.

[9] Avukat Carmelo Castelli noe v. Focal Maritime Services Ltd- 03.02.2012 Qorti tal-Appell Superjuri ( S.T.O Silvio Camilleri, Onor. Albert J Magri, Onor. Tonio Mallia

[10] jidher li dawn is-soċjetajiet huma rreġistrati fl-Italja

biss, jeħtieġ ukoll li jkun hawn Malta persuna fiżika li jirrappreżentaha, għax jekk il-persuna jew persuni li jkunu mogħtija r-rappreżentanza tas-soċjeta' jew tal-għaqda jkunu assenti minn Malta, l-Artikolu 929(d) tal-Kodiċi imsemmi jesiġi l-ħatra ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill-istess soċjeta'; dan il-provvediment tal-liġi jgħodd ukoll għal "kull għaqda ta' persuni jew organizzazzjoni oħra" kif jaqgħu li jkunu klassifikati żgur is-soċjetajiet attriċi f'dan il-każ.

"Dan ifisser li s-soċjeta' estera tista' żgur tiftaħ kawżi hawn Malta, pero' trid tkun rappreżentata minn xi persuna residenti Malta jekk ma tridx li jinħatru kuraturi biex jirrappreżentawha (ara wkoll l-Artikolu 180(1)(a) tal-Kodiċi msemmi). Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża Commonwealth Educational Society Ltd vs Camilleri, deċiża fit-2 ta' Ġunju 2003, kienet ukoll osservat li kawża istitwita minn soċjeta' estera hija nulla jekk din ma jkollhiex rappreżentanza lokali.

"F'dan il-każ kienu s-soċjetajiet attriċi stess li talbu li tinħatar Dr Anna Mallia bħala "mandatarja speċjali" tagħhom, u l-avukat aċċettat li hekk tinħatar: l-ewwel Qorti b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2005, laqgħet it-talba. Din il-Qorti mhux qed tgħid li Dr Mallia ma tistax tirrinunzja għall-mandat speċjali li ngħatalha, pero' mhux biss trid terfa' r-responsabbilta' legali għal dan, iżda s- soċjetajiet attriċi jkunu jridu jaħtru rappreżentant ieħor jew oħra biex ikunu jistgħu jissoktaw bl-appell tagħhom.

"Kawża f'Malta tista' tinfetaħ u titkompla minn barranin, basta jkollhom xi ħadd f'Malta li jidher għalihom, u dan il-prinċipju ta' proċedura Malti ma ġiex b'xi mod mittiefes jew mibdul wara d- dħul ta' Malta bħala stat membru fl-Unjoni Ewropea."

## Mediterranea Distribuzione Srl v Galea Debono[11]

L-attriċi kienet kumpannija rreġistrata fl-Italja. Barbara Ferrigno kienet awtorizzata illi tikkonferma bil-ġurament ir-rikors promotorju. Meta saret il-kawża u waqt is-smiegħ tagħha, id-diretturi tagħha ma kinux residenti Malta u ma kellhiex aġent tagħha f'Malta. Il-konvenut ippretenda, abbażi tal-Art 181A Kap 12, illi għax is-soċjeta' attriċi kienet soċjeta' estera trid tkun rappreżentata

[11] Mediterranea Distribuzione Srl vs Dr Richard Galea Debono bħala stralċarju ta' IFIX Trade Ltd" - deċiża fis-16 ta' Lulju 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Imħallef J. Zammit McKeon:

minn persuna fiżika ġewwa Malta.[12] Il-Qorti qalet hekk:

> "Is-sustanza tal-eċċezzjoni ddur kollha kemm hi mal-kwistjoni jekk matul il-kors tal-kawża huwiex neċessarju li tkun rappreżentata għall-fini tal-prosegwiment tal-kawża minn persuna fiżika preżenti ġewwa Malta. Din il-Qorti ma tarax illi hemm preġudizzjali ta' din ix-xorta li jżomm l-iter tal-kawża milli jkompli.
>
> "Ta' llum m'huwiex każ illi jinvolvi l-ħatra ta' kuraturi. Il-ħatra tagħhom hija regolata bl-Artikolu 929 et seq tal-Kap 12. Minn eżami ta' dawn id-dispożizzjonijiet, fosthom il-paragrafu (d) tal- Art. 929, ma hemmx il-kwistjoni li speċifikatament qegħda tiġi sollevata mill-konvenut bl-eċċezzjoni tiegħu. Dan apparti illi, fi kwalunkwe każ, matul il-kawża, ħadd mill-partijiet ma talab il- ħatra ta' kuraturi skont l-Artikolu 930 tal-Kap 12.
>
> "Dwar il-kwistjoni tal-ispejjeż tal-kawża illi għalihom hemm riferenza fl-istess eċċezzjoni, din il-Qorti tagħmel żewġ konsiderazzjonijiet.
>
> "Fl-ewwel lok, il-kumpanija attriċi hija soċjeta' reġistrata fl-Italja li huwa Stat Membru tal-UE. Mela, jekk unikament u sempliċiment għall-grazzja tal-argument u xejn iżjed, fil-kawża ta' llum tingħata deċiżjoni finali fejn l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu akkollati in toto jew in parte lill-kumpanija attriċi, il-konvenut ikollu kull jedd jesegwixxi s-sentenza direttament kontra l-kumpanija attriċi ġewwa l-Italja jew fi Stat ieħor Membru tal-UE abbażi tal-Council Regulation (EC) No 44/2001 of 22 December 2000 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters.
>
> "Fit-tieni lok, hija paċifika l-ġurisprudenza illi r-relazzjoni li tgħaddi bejn kljent u l-avukat jew il-prokuratur legali li jqabbad għall-affarijiet tiegħu ġudizzjarji huwa dak ta' mandat[13]. Il-mandat huwa speċjali għall-finijiet tal-kawża[14]. Mela jekk il-kwistjoni tkun dik ta' kundanna ta' ħlas in toto jew in parte ta' spejjeż ġudizzjarji mill-kumpanija attriċi, wara sentenza fil- kawża ta' llum li tgħaddi in ġudikat, il-konvenut għandu wkoll rimedju kontra l-mandatarji tal-kumpanija attriċi li jkunu qegħdin jidhru għaliha bħala legali fil-kawża ta' llum."

---

[12] Art 181A : (1) Meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp.
(2) Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il- liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir- rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija ...

[13] il-Qorti ċċitat Kollez. Vol. XXIX.i.617
[14] il-Qorti ċċitat Kollez. Vol. X.301 u Vol XIX.i.129

**Sarti v. Palazzo Events.**[15]

Il-konvenuta m'eċċepietx in-nullita` iżda eċċepiet li ladarba l-attur jgħix barra minn Malta, kellu jaħtar pro(kuratur) biex jidher għalih. L-attur kien Taljan. Qatt ma deher waqt is-smiegħ tal-kawża. Il-Qorti qalet:

> "Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jiċħad li huwa għandu l-obbligu li jaħtar mandatarju għalih f'din il-kawża u ma hemm l-ebda nuqqas fl-integrita' tal-ġudizzju bil-fatt waħdu li huwa jgħix barra minn Malta u ma ħatarx espressament mandatarju għalih hawnhekk. Jgħid li llum il-ġurnata, bis-saħħa tar-Regolament Komunitarju 1348/2000KE[16], inħalaq sistema mifrux ta' kif tista' ssir in-notifika ta' atti ġudizzjarji lil xi persuna li tkun tinsab fit-territorju ta' xi wieħed mill-Istati Msieħba fl-Unjoni Ewropeja. Jgħid li ladarba dak is-sistema hu stabilit f'Regolament, allura l-imsemmija dispożizzjonijiet għandhom effett dirett f'Malta u jipprevalu fuq kull liġi oħra li tista' tgħid mod ieħor;
>
> "Illi l-Qorti tqis li l-attur qiegħed jgħid sewwa. Il-liġi proċedurali tagħna mkien ma tgħid li min jiftaħ kawża jrid ikun f'Malta f'kull waqt tagħha, u lanqas ma torbot espressament lil parti bħal dik li tħalli 'l min jidher minflokha tul iż-żmien li ma tkunx tinsab f'Malta. Kif sewwa ssemma fil-kawżi ċitati minn Palazzo, il-ħatra espressa ta' mandatarju minflok il-parti attriċi li tkun temporanjament imsiefra minn Malta mhijiex iżjed minn "prassi (li) għandha aspetti prattiċi u ekwi tagħha"[17]. Dan jingħad għaliex huwa mifhum u ilu jkun aċċettat li, għal-finijiet tal-attijiet tal-kawża, l-avukat tal-parti attriċi jitqies bħala mandatarju ta' dik il-parti;[18]
>
> "Illi, minbarra dan, jekk kemm-il darba r-raġuni li wasslet lil Palazzo tressaq l-imsemmija eċċezzjoni hija waħda marbuta mal-ħeffa u l-ħtieġa tan-notifika lill-attur ta' xi atti ġudizzjarji marbuta mal-kwestjoni li hemm bejn il-partijiet, allura hawn ukoll ma jidhirx li huwa meħtieġ li l-attur jaħtar espressament mandatarju tiegħu f'Malta. Dan qiegħed jingħad għaliex, minbarra l-kwalita' tal-mandat taċitu li jħaddan l-avukat difensur tiegħu kif għadu kemm tfisser, minbarra l-metodu formali tan-notifika permezz tal-

[15] Gian Domenico Sarti v. Palazzo Events Limited 06.03.2014 Prim'Awla (Onor. Joseph R. Micallef)
[16] Dan ir-Regolament tħassar u llum minfloku daħal fis-seħħ ir-Regolament 1393/2007KE

[17] App. Ċiv. 5.11.1984 fil-kawża fl-ismijiet Delia et vs Assistant Prinċipali tal-Ministeru tat-Turiżmu (Kollez. Vol: LXVIII.iii.137)

[18] ra, fost l-oħrajn, App. Ċiv. 17.5.1963 fil-kawża fl-ismijiet Fleri vs Dingli et (Kollez. Vol: XLVII.i.277) u App. Inf. PS 16.3.2005 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Farruġia vs Grezzju Farruġia et

awtoritajiet magħrufa fl-Istat Imsieħeb, ir-Regolament jipprovdi wkoll għal metodi mħaffa ta' notifika b'posta reġistrata li, wara kollox, huwa l-istess metodu ta' notifika li ġeneralment u normalment jintuża f'każ fejn il-parti tkun tinsab f'Malta;

"Illi l-Qorti żżid tgħid li dan kollu jgħodd aktar minħabba li l-attur jgħix f'parti mit-territorju tal-Unjoni Ewropeja u għalhekk ma huwiex il-każ li l-Qorti tipprovdi għall-ħatra ta' kuratur deputat f'ismu[19], kif Palazzo tissottometti li għandu jsir. U jekk kemm-il darba huwa stabilit[20] li dan jgħodd fil-każ ta' korp legali b'personalita` ġuridika distinta, il-Qorti ma tarax għaliex dan mgħandux jgħodd ukoll għal persuna fiżika."

## Zealand Holdings v. Amsterdam Bank.[21]

Zealand Holdings Inc. kienet kumpanija estera registrata fil-Liberja, bid-direttur uniku tagħha ta' nazzjonalita Ukrajina. Għall-preżentata tal-att promotur kien preżenti l-uniku direttur tas-soċjeta` attrici li ħalef ir-rikors ġuramentat hu stess. id-difensuri tas-soċjeta` attriċi ddikjaraw biss li huma kienu r-rappreżentanti legali biss għall-finijiet tal-kawża. Il-Bank eċċepixxa li s-soċjeta attrici kellha taħtar mandatarju speċjali tul l-andament tal-kawża billi kien evidenti li ma għandha ebda rappreżentant f'Malta.

Il-Qorti qalet li:

"Il-Qrati tagħna kienu konsistenti dwar il-bżonn li parti jekk mhux preżenti f'Malta trid tkun rappreżentata minn persuna f'Malta u tidher għaliha[22] ().

"Dan ma jfissirx pero' illi jekk parti tinsab sprovvista minn rappreżentanza f'Malta, allura dan iwassal immedjatament għal nullita' tal-proċeduri. Din in-nullita' mhix imposta u anqas tirriżulta mil-liġi. B'daqshekk ma jfissirx pero' illi sitwazzjoni simili tista' titħalla jew tiġi permessa u l-kawża tkompli

[19] Skond l-artt. 929 et seq tal-Kap 12

[20] Ara P.A. JZM 16.7.2012 fil-kawża fl-ismijiet Mediteranea Distribuzione Srl vs Dr Richard Galea Debono noe (in parte)

[21] "Zealand Holdings Inc. vs Il-bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V. – deċiża fid-29 t'April 2014 mill- Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Imħallef M. Chetcuti:

[22] il-Qorti ċċitat ara Lovers Transportainment BV vs George Smith pro et noe, (PA 25/01/2011; u Avukat Carmelo Castelli pro et noe vs Focal Maritime Services Limited, App Civ 03/02/2012

miexja. Li kieku l-kwistjoni tar-rappreżentanza tirrigwarda l-konvenut, il-liġi tagħti indikazzjonijiet ċari dwar x'jista' jsir biex il- proċeduri jitkomplew għax wara kollox hu primarjament fl- interess tal-attur li l-proċeduri jitkomplew fil-konfront tal- persna li kontra tiegħu tkun saret il-pretenzjoni. Il-liġi tagħti l- fakolta' tan-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill- assenti. Fil-każ invers pero', meta l-attur innifsu hu assenti, hu fl-interess tiegħu sabiex juri l-interess ġuridiku tiegħu li jeħtieġ li l-atti jiġu proċeduralment korretti biex jiġi sodisfatt l-interess reali tal-istess attur fl-azzjoni u jiġi assigurat fost affarijiet oħra illi f'Malta hawn rappreżentant li jista' jippreżenta atti fil-Qorti jew jirċievi jew jiġi notifikat bl-atti u ordnijiet jew digrieti tal- Qorti u jiġu salvagwardjati spejjeż ġudizzjarji skont l-Artikolu 1005 tal-Kap 12 (ara f' dan is-sens "Commonwealth Educational Society vs Camilleri", Appell Inferjuri tat-2 ta' Ġunju 2003).

"Il-każ *sub iudice* mhux wieħed fejn l-attur hu ċittadin u enti li tifforma parti minn pajjiż parti mill-Unjoni Ewropea, fejn jistgħu jitqajmu argumenti dwar in-neċessita' tal-preżenza fisika o meno tal-parti jew rappreżentant tagħha, peress li f'dan il-każ is-soċjeta' attriċi u d-direttur li ħalef ir-rikors ġuramentat huma minn barra l-Unjoni Ewropea.

"Il-Qorti tqis li l-preżenza f'forma ta' mandatarju hi neċessarja għall-prosegwiment tal-kawża biex l-atti jkunu korretti u d- drittijiet u obbligi tal-partijiet jiġu salvagwardati pero' l-Qorti ma taqbilx li f'dan l-istadju wara li l-kawża ġiet preżentata kif trid il-liġi, in-nuqqas ta' mandatarju li jirrappreżenta s-soċjeta' attriċi jista' jwassal per se għan-nullita' tal-proċeduri, għalkemm jista' xorta jagħti lok għal provvedimenti oħra mill-Qorti biex il-pożizzjoni tiġi regolarizzata jew determinata fin- nuqqas."

**Harris v Spiteri.**[23]

L-attriċi, ta' nazzjonalita` Ngliża u residenti fl-Ingilerra, kienet f'Malta meta fetħet il-proċeduri u ħalfet ir-rikors promotur. Il-konvenuta talbet li l-kawża tiġi kkanċellata jew tmur sine die billi l-prokuratur irid ikun jgħix Malta.

"Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti mhix ir-rappreżentanza tal-prokuratur fil-mument li nfethet il- kawza peress illi l-prokuratur kien f'Malta meta saret

[23] Hannah Harris għan-nom ta' Hugh Glass v. Anthony u Carmen konjuigi Spiteri 07.10.2014 Prim'Awla (Onor. Mark Chetcuti, illum Prim Imħallef)

il-kawza izda n-nuqqas tal-mandant u mandatarju li juri li huma persuni li għandhom preżenza abitwali u regolari f’Malta. Hu indiskuss illi l-mandant u l-mandatarju f’dan il-kaz huma residenti abitwalment fl-Ingilterra u għalhekk ma hemmx il-preżenza tagħhom f’Malta waqt il-kawza. Dan imur kontra dak li jistabilixxu d-decizjonijiet imsemmija aktar il-fuq.

“Il-Qorti hi konsapevoli ta’ decizjonijiet ricenti ta’ din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Gian Domenico Sarti vs Palazzo Events Limited (PA 06.03/2014) u Mediterranea Distribuzione Srl vs Dr. Richard Galea Debono noe (PA 16/07/2012). Dawn id- decizjonijiet imorru kontra d-decizjonijiet imsemmija aktar il-fuq. Ir-ragunijiet fil-qosor huma l- kuncett ta’ moviment hieles għal cittadini tal-Unjoni Ewropea u aktar minn hekk il-facilita li tinnotifika atti gudizjarji fl-Unjoni Ewropea bir-regolament 1393/2007 u proceduri ta’ rikonoxximent u esekuzzjoni ta’ sentenzi fi stati membri tal-Unjoni Ewropea bir-regolament 44/2001.

“Din il-Qorti ma taqbilx li dawn ir-regolamenti b’xi mod irristringew jew naqsu s-sahha tal-ligi proceduraIi Maltija fil-varji artikoli tagħha kif imsemmija fil-kawza Commonwealth Educational Society Limited vs Adriana Camilleri. Hu minnu illi r-regolamenti Ewropej iffacilitaw u uniformizzaw proceduri ta’ notifika u esekuzzjoni ta’ sentenzi pero bl-ebda mod ma abrogaw jew issubordinaw l-effetti tal-ligijiet procedurali tal-varji Stati Membri. Għalhekk dak li kien applikabbli fil-bidu tas-seklu għoxrin għadu applikabbli bl-istess mod illum billi fil- varji artikoli tal-ligi tal-procedura hu indikattiv il-bzonn tal-preżenza regolari tal-atturi jew ir-rappreżentant tiegħu f’Malta biex il-proceduri jkunu kompleti u jigi evitati kwistjonijiet ta’ integrita ta’ gudizzju. Basta li din il-Qorti issemmi biss l-artikolu 199 tal-Kap. 12 fejn fin- nuqqas tal-preżenza tal-attur u d-difensur tiegħu għal kawza, il-Qorti tista’ tikkancella l-istess kawza. Dan l-artikolu ma jistax jitqies inapplikabbli semplicement għax ir-regolament 1393/2007 jiffacilita proceduri ta’ notifika.

“B’daqshekk ma jfissirx, kif qed jitlob ir-rikorrent illi n-nuqqas ta’ rappreżentanza idonea fil- prosegwiment tal-kawza jwassal għall-annullament jew kancellament tal-proceduri. Dan mhux impost u anqas jirrizulta mill-ligi. Pero b’daqshekk il-Qorti ma tistax tippermetti li proceduri jitkomplew fl-istat li qegħdin.

“Għalhekk il-Qorti tqis illi l-prokuratur nominat mill-attur biex jirrappreżentah f’dawn il-proceduri mhix persuna idonea skond il-ligi ta’ procedura Maltija u tistieden lill-attur jirregola ruhu. Spejjez għall-attur f’din il-kawza.

“Fil-fatt il-Qorti tqis li d-decizjoni fuq il-mandat implicitu tal-avukat kif

argumentata mill-istess Qorti fil-kawza Carmelo Farrugia vs Grezzju Farrugia et (App Inf 16/03/2005) għandha tigi miftehma f'dan is-sens limitat biss".

**Chadborn Holdings v Cashpoint[24]“**

"Mill-atti tal-kawża jirriżulta li għall-preżentata tal-att promotur kien preżenti hawn Malta rappreżentant tas-soċjeta' attriċi in kwantu li r-rikors ġie maħluf minnu. Is-soċjeta' konvenuta m'hijiex teċċepixxi li kien hemm xi irregolarita fil- mod illi ġie ppreżentat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi iżda li l-proċeduri ma jistgħux jitkomplew sakemm jinħatar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżenta lis-soċjeta' attriċi li kif diġa' ngħad hija soċjeta' estera rreġistrata fil-British Virgin Islands. F'dan il-każ ma ġiex muri li xi rappreżentant tagħha jinsab Malta. Il-Qorti tirreleva illi dawn il-Qrati kienu konsistenti dwar il-bżonn li parti f'kawża, jekk mhux preżenti f'Malta, trid tkun rappreżentata minn persuna f'Malta u tidher għaliha.

"Fil-każ tal-lum is-soċjeta' konvenuta m'hijiex tikkontesta l- validita' tal-att promotur. Madanakollu kif inhuwa stabbilit, il- preżenza ta' mandatarju hija neċessarja għall-prosegwiment tal-kawża sabiex l-atti jkunu korretti u d-drittijiet u obbligi rispettivi tal-partijiet jiġu salvagwardati. In kwantu li ma ġiex muri li r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi huwa preżenti hawn Malta, it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta hija tajba u ser tiġi milqugħa.

"Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta b'dan illi tiddikjara li l-kawża ma tistax titkompla sakemm is- soċjeta' attriċi taħtar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżentaha f'Malta waqt l-andament tal-kawża u għaldaqstant, tiddiferixxi l-kawża għas-27 ta' April fid-9.30 ta' filgħodu sabiex is-soċjeta` attriċi tagħti tagħrif lill-Qorti f'dan ir-rigward. Fin-nuqqas, il-Qorti tirriżerva li tieħu l-provvedimenti opportuni."

**Costruzioni Dondi v. Direttur tal-Kuntratti.[25]**

---

[24] Chadborn Holdings Ltd[10] vs Cashpoint (Malta) Ltd" – deċiża fil-21 ta' Frar 2017 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Imħallef A. Felice:

[25] **Costruzioni Dondi S.p.A., soċjeta' estera reġistrata fl-Italja fir- Reġistru tal-Intrapriżi ta' Rovigo bin-numru 00103480299 vs Id-Direttur tal-Kuntratti, u l- Korporazzjoni għas-servizzi tal- Ilma 09.11.2018 Prim'Awla (Onor. Joseph Azzopardi; iktar tard Prim Imħallef)**

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, waħda mill-konvenuti, talbet li in vista tal-fatt li s-soċjeta` attriċi la kellha bażi Malta u lanqas mandatarju, tiġi ordnata tiddepożita l-ammont ta' €235,0000 jew ammont ieħor xieraq, in **kawtela** tal-ispejjeż. B'digriet tal-14 ta' Ġunju 2011 il-Qorti permezz ċaħdet it- talba *stante* li mhix sorretta fil-liġi; iżda ordnat lis-soċjeta' attriċi tirregola ruħha *stante* li skont il-liġi Maltija għandu jkollha rappreżentant tagħha f'Malta. Sussegwentement iffissat terminu li matulu s-soċjeta attriċi kellha tiddikjara liema hija l-persuna inkarigata bħala l-**mandatarju speċjali** tagħha. Fil-21 ta' Diċembru 2012 is-soċjeta' attriċi ppreżentat rikors fejn talbet lill-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-7 ta' Settembru 2012 *stante* li la fil-liġi u lanqas fil-każistika ma jirriżulta l-obbligu li hija (bħala soċjeta' estera) għandha tkun rappreżentata minn mandatarju speċjali. B'digriet tagħha tal-15 ta' Lulju 2013 għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet *"Mediterranea Distribuzione Srl vs Dr Richard Galea Debono"* 443/2011/JZM, laqgħet ir-rikors tal-21 ta' Diċembru 2012 tas-soċjeta' attriċi, u rrevokat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tas-7 ta' Settembru 2012. Iktar tard il-Qorti żiedet tgħid li "tqis bħala l-mandatarji tas-soċjeta' attriċi lill-konsulenti legali tagħha. Taċċenna għall-fatt li s-soċjeta' attriċi stess dejjem iddikjarat:

> "Li fil-kawża odjerna qed jidhru għas-soċjeta` attriċi l-konsulenti legali tagħha u kif ġie ritenut fis-sentenza fir-rigward tal-kawża fl-ismijiet: "Lovers Transportainment BV vs George Smith et" (deċiża 25.01.2011), ma jagħmilx differenza l-fatt li isem il-konsulenti tagħha (li ffirmaw ir-rikors promutur) ma jidhirx fl-*occhio".*

***Analiżi tas-sentenzi suċċitati***

L-uniċi żewġ sentenzi li ppronunzjaw in-nullita` tal-atti huma *Perit Delia* u *Commonwealth.* F'dawn iż-żewġ kawżi, l-atturi kienu assenti minn Malta fil-

mument tal-preżentata tal-att promotur. Il-Qorti, f'*Delia,* iddikjarat li kienet qiegħda tippronunzja n-nullita` minħabba li l-preżenza tal-attur jew ta' prokuratur tiegħu kienet espressament meħtieġa a tenur tal-Artiklu 180(1)(a) tal-Kap 12.

Il-kwistjoni fil-bqija tal-kawżi ma kinitx dwar jekk l-attur kellux ikun preżenti fil-mument tal-preżentata tal-att promotur, imma dwar jekk kellux ikun preżenti fil-mori tas-smigħ tal-kawża; forsi bl-eċċezzjoni ta' *Miller* li fiha l-prokuratur legali tal-atturi, assenti minn Malta, ippreżenta rikors tal-appell minn digriet tal-ewwel Qorti li ordnat li xorta waħda jinżammu s-seduti minkejja li l-atturi kienu msifrin. Dan jekk wieħed iqis ir-rikors tal-appell bħala att promotur. F'*Miller*, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors tal-appell.

F'*Commonwealth* (ir-ritrattazzjoni) l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) rriteniet li l-Qrati bħal speċi għalqu għajn waħda biss fejn l-att promotur ġie ppreżentat validament mill-attur jew prokuratur tiegħu preżenti f'Malta imbagħad l-attur jassentixxi ruħu temporanjament waqt is-smigħ u jiġu ppreżentati atti oħrajn waqt l-assenza tiegħu.

Il-Qorti tal-Appell fi *Blacker, f'Castelli* u iktar tard il-Prim'Awla f'*Zealand* iddikjaraw il-ħtieġa tal-preżenza fiżika waqt is-smigħ tal-kawżi.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell (kolleġjalment komposta) *f'Castelli* ddikjarat li r-Regolamenti Ewropeja jitrattaw kif għandhom jiġu servuti l-atti ta' kawża miftuha f'pajjiż ieħor, iżda mhux il-metodoloġija ta' kif issir il-kawża nnifisha. u l-Prim'Awla f'*Zealand,* l-attur ma kienx residenti fl-Unjoni Ewropeja, u l-Prim'Awla (per Onor. Mark Chetchuti, illum is-S.T.O. Prim Imħallef) Qorti ma daħlitx fil-kweżit jekk residenti fl-Unjoni Ewropeja kellux ikun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża, għalkemm għamlet aċċenn għal dan il-punt. Fil-każ sussegwenti ta' *Harris*, l-atturi kienu Ngliżi. Il-Qorti, ippreseduta mill-istess Onor. Imħallef, din id-darba ppronunzjat ruħha definittivament fis-sens li r-Regolamenti Ewropej bl-ebda mod ma rrestrinġew is-saħħa tal-liġi proċedurali

Maltija.

*Blacker* iddeċidiet li l-prokuratur legali kien rappreżentant leġittimu biex jirrapreżenta lill-attur assenti in forza tal-mandat professjonali, li ma jiġix sospiż bis-safar tal-mandant. Tal-istess fehma kienet *Sarti.* Mhux tal-istess fehma kienet *Chadborn.*

*Mediterranea, Sarti,* u *Costruzioni* ħadu pożizzjoni iktar radikali billi rrimarkaw li l-liġi proċedurali imkien ma ssemmi l-ħtieġa li l-partijiet ikunu preżenti waqt is-smiegħ tal-kawża; u għalhekk m'hemm l-ebda ħtieġa tal-preżenza tagħhom u lanqas il-preżenza ta' prokuratur jew il-ħatra ta' kuratur. Dan indipendentement mill-konsegwenzi o meno tar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropeja; għalkemm bl-applikazzjoni diretta tagħhom fil-liġi Maltija, dan huwa iktar u iktar il-każ. Skont *Sarti*, (li ċċitat lil *Delia*) il-ħtieġa tal-preżenza fiżika mhix għajr prassi bbażata fuq aspetti prattiċi u ekwi. Prattiċi li, skont *Mediterranea*, mhumiex iktar meħtieġa f'kawżi bejn Malta u pajjiżi oħrajn fl-Unjoni Ewropeja, anke billi wieħed jista' faċilment ifettex għall-ispejjeż tal-kawża f'dawn il-pajjiżi ukoll.

Minkejja d-diverġenza tal-varji pronunzjamenti, l-ebda waħda mis-sentenzi msemmija ma ppronunzjat in-nullita` tal-atti, minħabba l-assenza tal-attur waqt is-smiegħ tal-kawża. F'*Castelli, Zealand, Harris u Chadborn* il-Qorti ordnat lill-atturi biex jirregolaraw ruħhom.

***Pożizzjoni ta' din il-Qorti.***

Din il-Qorti mhix sejra tippronunzja ruħha dwar jekk hemmx nullita` meta r-rikors promotur jiġi ppreżentat fl-assenza tal-attur jew ta' prokuratur tiegħu, għaliex dan mhux wieħed mill-punti mqanqla f'din il-kawża. Dwar il-ħtieġa o

meno tal-preżenza fiżika waqt is-smiegħ tal-kawża skont il-liġi proċedurali Maltija bla ma jittieħed kont ta' possibbli inġerenza mir-Regolamenti Komunitarji, din il-Qorti hija tal-fehma li ġaladarba l-liġi ma tesiġihiex espressament, mhix meħtieġa. Din il-Qorti mhix tal-fehma li mid-diversi provvedimenti msemmijin minn *Miller*, wieħed jista' jislet prinċipju impliċitu f'dan is-sens. L-ebda preżenza m'hi meħtieġa purke` ma tkunx meħtieġa biex dawn id-disposizzjonijiet ma jiġux iffrustrati, per eżempju, il-preżenza fiżika tal-attur jew ta' prokuratur tiegħu fil-mument tal-preżentata ta' att promotur ta' kawża.

Fi kwalunkwe każ, apparti mill-preżentata tal-att promotur, l-avukat jew il-prokuratur legali jistgħu jitqiesu bħala mandatarji tal-attur waqt is-smiegħ tal-kawża.

Din il-Qorti mhiex se tikkunsidra jekk ir-Regolamenti Ewropej inġerewx l-ordinament proċedurali Malti. Dan għaliex għal dak li tirrigwarda l-preżenza fiżika tal-attur – u dan hu l-kweżit f'din il-kawża – ċertament li r-Regolamenti Ewropej ma japplikawx. Jekk japplikawx għall-konvenut tista' tkun storja kemmxejn differenti; għaliex ġaladarba konvenut jista' jiġi nnotifikat personalment f'pajjiż ieħor komunitarju, jista' jkun li tintemm il-ħtieġa li jiġi rrappreżentat minn kuratur. Dan iżda mhux kweżit li din il-Qorti hi mitluba titratta dwaru.

Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti tqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta ma tiswiex, iżda mhux għaliex mhix iktar meħtieġa wara d-dħul fl-applikazzjoni tar-Regolamenti Ewropeja (kif tissottometti l-attriċi) imma minħabba li mhix u qatt ma kienet meħtieġa mil-liġi Maltija. Il-Qorti ma teskludix li għandha l-fakulta` li skont il-prattika antika, tesiġi li jkun hawn rappreżentant fiżikament preżenti f'Malta biex jirrapreżenta lill-atturi, speċjalment meta l-attur ikun residenti barra mill-Unjoni Ewropeja. Iżda fil-każ

preżenti, anke tenut kont li din l-eċċezzjoni qiegħdha tiġi kkunsidrata fis-sentenza finali flimkien mal-mertu, u li fih l-attriċi hija rreġistrata fl-Unjoni, ma tarax din il-ħtieġa.

***Mertu***

Permezz ta' skrittura tal-15 ta' Lulju 2015 l-attriċi obbligat ruħha mal-konvenuta li tistallalha apparat relatat ma' sistemi ta' parkeġġ kif ukoll li tieħu ħsieb il-manutenzjoni tiegħu għal perjodu ta' ħames snin sat-28 ta' Frar 2020. Is-servizz ta' manutenzjoni kien bil-ħlas ta' €1,783 fix-xahar.

Giovanni Fraschetto, konsulent tal-attriċi, xehed li l-aħħar pagament sar f'Jannar 2016. Fit-30 ta' Ġunju 2016 kien hemm bilanċ ta' €26,634.90 mhux imħallsa. Marius Stefflea, addett tal-konvenuta, intalab jagħti raġuni għal dan id-dewmien u ġie nfurmat bid-disponibilita` tal-attriċi li tiltaqa' mal-konvenuta biex jekk kien hemm xi problemi jiġu solvuti. L-attriċi iżda ma ngħatat l-ebda risposta.[26] Minkejja li bagħtet għadd ta' ittri elettroniċi u fatturi matul is-sena 2016, baqgħet mingħajr tweġiba.[27] Lejn l-aħħar tas-sena 2016, impjega ruħu mal-konvenuta Ehsan Tabrizi. Dan qatt ma lmenta mal-attriċi dwar is-servizz tagħha u rrifjuta li jiltaqa' mal-attriċi fix-xhur ta' bejn Frar u April 2017 meta stqarr ma' Skidata – li tagħha l-konvenuta kienet *sub-agent* - li ma riedx ikollu iktar x'jaqsam mal-attriċi.[28] Dan ġie kkonfermat minn Tabrizi nnifsu, li stqarr li ma kienx jagħmel dan għaliex kien jinħtieġ li l-ħsara tissewwa minnufih mill-impjegati tal-konvenuta biex il-konvenuta ma titlifx flus bil-klijenti tagħha ma jħallsux għall-parkeġġ.[29] Fraschetto lmenta li l-impjegati tal-konvenuta kienu jaqilgħu parts biex jissostitwixxu oħrajn li ma jaħdmux, u billi ma kinux ikkonfigurati sewwa

[26] Para 12, fol 195
[27] Para 14 a fol 195
[28] Para 15 a fol 195 fuq wara u fol 260 meta Massimo Turri kien qiegħed jiġi kkontro-eżaminat mill-konvenuta.
[29] Fol 268

biex jaħdmu fil-post il-ġdid, dawn kienu kkawżaw ħsarat ta' €30,000 li ssewwew mill-attriċi a spejjeż tagħha.[30] Skont il-konvenuta, Skidata, mitluba tagħmel *audit*, indunat mill-ewwel li l-ħsara kienet dovuta għat-tickets mhux addattati li kienu qegħdin jintużaw.

Ehsan Tabrizi xehed li prinċipalment il-ħsarat kienu jseħħu minħabba *tickets* li kienet tixtri l-konvenuta mingħand terzi u li ma kinux jaqblu mas-sistema.[31] Dak li wasslu biex iħassar il-kuntratt kienet il-kwistjoni dwar l-ordni kkanċellata ta' *automated plate recognition*.[32]

B'ittra tas-7 t'April 2017 il-konsulent legali tal-attriċi Dr Clifton Grima talab lill-konvenuta tħallas ir-rati mensili mhux imħallsa. Luke Coppini, direttur tal-konvenuta, wieġeb b'ittra tad-9 ta' Mejju 2017,[33] indirizzata li Dr Charlene Grima, preżumibilment mill-uffiċċju ta' Dr Clifton Grima, li permezz tagħha kkontesta l-ħlas tal-fatturi mibgħuta kif ukoll il-validita` tal-kuntratt billi "primarjament il-klijenta tiegħek naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tagħha a tenur tal-ftehim, inkluż billi effettivament ma ġewx imwettqa minnha ħafna mis-servizzi li ESA ntrabtet li twettaq, jew ġew imwettqa ħażin jew tard wisq b'konsegwenzi u spejjeż għal SIS, partikolarment dak l-obbligu li twettaq manutenzjoni preventiva fuq *hardware* u *software* darbtejn fis-sena." Coppini lmenta wkoll li ex-impjegat ta' SIS – li mill-atti jirriżulta li kien ċertu Spadaro li rriżenja fi Frar 2017[34] - iffatturaha b'kontijiet minfuħa u li Skidata, sid is-*software* skopriet li ESA "tagħat (recte: "tat") rappreżentazzjoni żbaljata tal-fatti intenzjonalment sabiex tassigura servizz b'rati għolja a skapitu tal-interessi ta' SIS fosthom billi saru riferenzi mal-*general manager* ta' dak iż-żmien għal ftehim allegatament iffirmat li pero wara investigazzjoni rriżulta

[30] Massimo Turri, a fol 260
[31] Fol 267
[32] Fol 272
[33] Fol 24
[34] Fol 151

ineżistenti. Għaldaqstant SIS tilfet kull forma ta' fiduċja fl-abilitajiet, fil-professjonalita u fit-tmexxija ta' ESA. Nitolbok ġentilment sabiex għar-raġunijiet fuq imsemmija... tieqaf tittenta kull xorta ta' kompromess."

L-attriċi tallega li sadanittant Dr Charlene Grima ma kinitx għadha l-konsulent legali tagħha u li qatt ma nfurmatha b'din l-ittra.[35]

L-attriċi bagħtet ittra uffiċċjali datata 26 ta' Lulju 2017.[36] Permezz tagħha talbitha tħallasha €26,827.53 valur tal-fatturi dovuti, wissietha li kienet sejra tfittixha għad-danni, u talbitha tħallasha wkoll €40,430 minħabba ordni effettwata mill-konvenuta fit-23 ta' Frar 2017 li iżda l-konvenuta rtirat wara li l-attriċi kienet laħqet bdiet tipproċessa. Il-konvenuta wieġbet b'ittra uffiċċjali ppreżentata fit-3 ta' Novembru 2017 li ma kellha tagħtiha xejn għax l-attriċi ma kinitx wettqet l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħha, kif deskritti fl-ittra ta' terminiazzjoni tad-9 ta' Mejju 2017; li kienet tħallasha prezzijiet ferm ogħla għal prodotti u servizzi minn dawk ta' Skidata wara li gidbitilha li ma setgħetx tixtrihom direttament mingħand Skidata, imma mingħand l-attriċi bħala *sub-agent*, u li l-prodotti forniti ma kinux adegwati għal kienu jiksru d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali ta' Skidata. Irrespinġiet il-pretenzjoni dwar il-€40,430.[37]

L-attriċi baqgħet tibgħat fatturi għall-*maintenance* filwaqt li l-konvenuta kienet tipprotesta li l-ftehim kien ġie tterminat bl-ittra tad-9 ta' Mejju 2017.[38]

L-ilmenti tad-direttur Coppini qajla jistgħu jiġu ġġustifikati. Ma jirriżultax li qatt kien hemm korrispondenza b'ilmenti dwar nuqqas ta' manutenzjoni. L-affari ta' Spadaro ftit tagħmel sens. Il-konvenuta tallega li kien f'konfoffa mal-attriċi biex jiġu kkawżati l-ħsarat iżda meta ġew ikkonfrontati bil-fatt li t-tiswijiet kienu a spejjeż tal-attriċi stess, l-addetti tal-attriċi m'għarfux jagħtu spjegazzjoni loġika. Il-kuntratt li kellu jsir u tħassar huwa separat u distint mill-kuntratt mertu ta' din

[35] Massimo Turri, prodott in kontro-eżami mill-konvenuta fol 260
[36] Fol 44
[37] Fol 22
[38] Ittri mill-avukati tal-konvenuta datati 30.11.2017, 11.01.2018, 08.02.2017 a fol 53 et seq.

il-kawża u għalhekk mhux raġuni valida għat-tħassir tal-kuntratt. Raġuni valida trid tkun konnessa mal-esekuzzjoni tal-kuntratt innifsu, u mhux għal kawża estranja.[39]

Il-Qorti ssibha ferm diffiċli biex temmen li l-konvenuta matul it-2016 staportiet kważi sena ssofri l-ħsarat mingħajr ma qatt irrapportat dwar dan lill-attriċi biex tirrettifikahom. Kienet il-konvenuta li taħti għall-kawża prinċipali tal-ħsarat, u dan bl-użu ta' tickets mhux addattati li kienu jikkawżaw ħsara lill-makkinarju tat-*ticketing*. Min-naħa l-oħra, huwa minnu li l-attriċi naqset milli tikkonstata l-kawża tal-ħsara; ħaġa li messha għamlet iżda dan m'għandux jixħet il-piż tal-ħtija tal-konvenuta għal fuqha. Speċjalment meta l-konvenuta qatt ma ġibditilha l-attenzjoni għal dan u kienet issewwi l-ħsarat hi stess. Huwa minnu wkoll li l-attriċi jidher li kisret id-dritt tal-proprjeta` intellettwali ta' Skidata. Imma dan ma jidhirx li rreka xi dannu lill-konvenuta, għalkemm kien hemm periklu li jikkawżahulha.

Ingħad minn din il-Qorti diversament ippreseduta[40] "Illi huwa prinċipju legali applikat ukoll li jekk kemm-il darba l-appaltant minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-appaltant ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita, li hija bil-liġi meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali, biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2)". Fil-każ preżenti ma jidhirx li kien hemm kundizzjoni riżoluttiva espressa.

---

[39]

[40] Albert Sacco v John Camilleri 31.01.2003 Prim'Awla, per Onor. Imħ. Philip Sciberras; iċċitata u segwita minn Joseph Cachia v Korporazzjoni Enemalta 18.10.2007

Skont pagrafu E2 tal-iskrittura bejn il-partijiet, "*In the event of a material breach of the contract by either one of the parties, the other party shall request in writing the defaulting party to remedy the specifically described breach within a period of thirty (30) days. If the defaulting party fails to remedy such material breach, the other party has the right to terminate this Agreement immediately in writing (even by fax or e-mail).*"

Għalkemm il-konvenuta ddikjarat li kienet qiegħdha tittermina l-ftehim, u tat ir-raġunijiet tagħha (tajjeb jew ħażin) l-għala kienet qiegħdha tagħmel hekk, hija qatt ma tat l-opportunita lill-attriċi biex tirrimedja fi żmien 30 jum in-nuqqasijiet lamentat minnha skont din il-klawżola kuntrattwali. Anzi, fl-ittra mibgħuta mid-direttur Coppini, il-konvenuta għamlitha ċara u tonda li ma kinitx disposta tagħmel dan.

Din il-klawżola tvarja l-pożizzjoni legali enunzjata fl-Artiklu 1640 tal-Kodiċi Ċivili li ma jesiġi l-ebda formalitajiet għall-ħall tal-kuntratt t'appalt. Hija klawżola valida, in kwantu li, fi kliem il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fuq in-norma analoga fil-Kodiċi Ċivili Taljan,[41] *"Il recesso del committente puo essere convenuto, tra le parti, con determinati requisiti di tempo e di forma, attesa la derogabilita convenzionale della norma in esame, sicche, in caso di mancata (o non formale) disdetta, i contraenti possono legittimamente convenire conseguenze diverse da quelle previste dalla norma stessa.*" Ġaladarba l-konvenuta m'ottemperatx ruħha mal-proċedura minnha stess pattuwita għall-ħall tal-kuntratt tal-appalt, għandu jitqies l-konvenuta ħallet il-kuntratt mingħajr

[41] Articolo 1670 tal-Codice Civile Taljan tal-1942.

raġuni valida, u dan irrispettivament minn jekk l-attriċi adempietx jew le l-obbligi kuntrattwali tagħha.[42]

### *Likwidazzjoni tad-danni*

Mhux ċar sa liema data baqa' jsir il-manteniment. Massimo Turri, waqt il-kontro-eżami xehed li dawn waqqfu appena l-konvenuta ma baqgħetx tikkorrispondi mal-attriċi. Il-benefiċċju tad-dubbju jmur favur id-debitur u għalhekk il-Qorti tqis li waqfu f'April 2017 meta d-direttur Coppini bagħat l-ittra tiegħu li permezz tagħha ddikjara li l-kuntratt kien qiegħed jiġi tterminat. Dan anke jekk l-attriċi aktarx ma rċevietx din l-ittra; b'danakollu il-probabilita` hi li wara dik l-ittra l-korrispondenza ntemmet għal kollox.

---

[42] A propożitu, huwa interessanti li, anke jekk mhux volut espressament mit-test tal-Artiklu 1640 preċitat, ġie stabbilit mill-ġurisprudenza tagħna "illi l-kommittent ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhomlu hu."[42]

Il-liġi tagħna dwar l-appalt oriġinarjament kienet taqra hekk:

Art. 1400. Il committente puo sciogliere a suo arbitrio il contratto di appalto, quantunque sia gia cominciato il lavoro, indennizzando l'appaltatore di tutte le spese e di tutt' i suoi lavori, e pagandogli una somma da essere fissata dalla Corte, secondo le circostanze, non eccedente cio che l'appaltatore avrebbe potuto guadagnare in tale appalto.

Dan jixbah lill-Art. 1671 tal-kodiċi ċivili Taljan viġenti li jaqra hekk: "Recesso unilaterale del contratto. Il committente puo recedere dal contratto, anche se e stata iniziata l'esecusione dell'opera o la prestazione del servizio, purche tenga indenne l'appaltatore delle spese sostenute, dei lavori eseguiti e del mancato gauadagno.

Hekk ukoll, Artiklu 1780 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż jistipula li "...La louage de service, fait sans determination de duree, peut toujours cesser par la volonte d'une des parties contractantes. Neanmoins, la resiliation du contrat par la volonte d'un seul des contractants peut donner lieu a des commages-interets...

Dawn it-tlett disposizzjonijiet ma jsemmu mkien jekk ir-reċess mill-kuntratt ikunx ġustifikat jew le, anke jekk jikkostitwixxu deroga mill-prinċipju li parti ma tistax unilateralment ixxolji kuntratt imma trid titlob lill-Qorti tiddikjara x-xoljiment. B'danakollu, il-leġislatur Malti fil-1995 introduċa d-distinzjoni bejn meta l-kuntratt jiġi xjolt "għal raġuni valida" u meta le għall-fini tal-ħlas tad-danni.

Massimo Turri xehed li l-marġinu ta' profitt kien wieħed normali ta' 20%. Dan xehdu meta ġie kkontro-eżaminat mill-avukat tal-konvenuta waqt oppożizzjoni qawwija mill-avukat tal-attriċi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta tgħid li ma nġiebet l-ebda prova tat-telf ta' profitt. Il-piż tal-prova tat-telf futur, anke jekk tabilfors inċert, jiggrava fuq l-attriċi. Huwa minnu li setgħet inġiebet prova aħjar mill-attriċi, per eżempju permezz tal-kotba tan-negozju tagħha. Għal darb'oħra, jiswa dan il-bran mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana: *"Grava sull'appaltatore che chiede di essere indennizzato del mancato guadagno, l'onere di dimostrare quale sarebbe l'utile netto da lui conseguibile con l'esecuzione delle opere appaltate, constituito dalla differenza tra il pattuito prezzo globale dell'appalto e le spese che si sarebbero rese necessarie per la realizzazione delle opere."*[43] Il-konvenuta tisħaq, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li l-attriċi ma ressqet l-ebda prova li jindika x'kien it-telf li ġarrbet. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-ġurament huwa prova. Turri semma' l-persentaġġ meta mistoqsi in kontro-eżami mill-konvenuta. Issa l-konvenuta ma tistax tipprova tinjora r-risposta li għamilha x-xhud. Barra minn hekk, il-persentaġġ mhux marbut ma' figura indeterminata imma mal-pagamenti fissi li kellhom isiru ta' kull xahar. Persentaġġ ta' 20 % ċertament li huwa normali f'ħafna tipi ta' negozju. Din il-Qorti, ippreseduta mill-illustrissimu mħallef Philip Sciberras, fornita b'fatti simili għal dawk f'din il-kawża, għamlet eżerċizzju simili u akkordat marġinu ta' profitt ta' 15% fil-kawża Joseph Dalli v Meditteranean Film Studios Limited, li fiha l-attur ippretenda li kellu marġinu ta' profitt ta' 25%.[44] Dan il-Qorti għamlitu abbażi tal-arbitriju li tagħtiha l-liġi li takkorda somma "ta' mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt".[45] Vwoldieri mhux bilfors tagħti indennizz sħiħ; anzi dan huwa l-massimu li tista'

[43] C 17/8853; C. 17/5879
[44] 23.04.2010
[45] Art. 1640(2) Kodiċi Ċivili.

tagħti. Din il-Qorti għalhekk sejra takkorda rata ta' 15% bħala marġinu ta' profitt previst bejn April 2017 u Frar 2020, li jsarraf fl-ammont ta' €9,360.75.

Korrispondentement, l-attriċi għandha titħallas tad-13-il fattura maħruġa bejn Lulju 2016 u Marzu 2017. Dawn jammontaw għal €23,261.53.

Illi għalhekk it-total ta' danni jammonta għal €32,622.28.

***Dispożittiv.***

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta.
2. Tilqa' l-ewwel talba limitatament għas-somma ta' €23,261.53
3. Tilqa' t-tielet talba.
4. Tilqa' r-raba' u l-ħames talba limitatament għas-somma ta' €9,360.75
5. Tilqa' t-tieni u s-sitt talba billi tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi t-total tal-ammonti hekk likwidati fis-somma globali ta' €32,622.28 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Lulju 2017.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA